Ref. No 2009/09/211
Cons. Tel 21689102

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 546/09

**Margaret Bonanno**
**vs**
**J.V. Meli Imports**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Diċembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u sittin ewro (€160), rappreżentanti *DVD portable player* li ma ħadimx aktar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *DVD/TV portable player* illi wara li xtrawh dan ma baqax jaħdem. Meta marru biex ibiddluh, l-intimat m'aċċettax.

L-intimat issottometta illi d-*DVD portable player* kien tajjeb u għalhekk m'għandu xejn x'jaħti.

Waqt is-smiegħ tat-Tribunal, id-*DVD portable player* ittieħed mill-intimat sabiex jara x'għandu ħażin, fejn irrapporta li ma kellu xejn ħażin u l-kawża marret sine die.

Il-kawża reġgħet ġiet appuntata minħabba l-fatt illi r-rikorrenti reġgħet ilmentat bl-istess problema.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonkludi illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u għandha raġun minħabba l-ilmenti ta' spiss.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mija u tletin ewro (€130), b'dan illi d-*DVD portable player* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**